# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion

### Illum 2 ta' Awissu 2018

Rikors Nru.  294/18 RGM

Kawza fil-lista: 1

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors Ipprezentat mir-rikorrent li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

Illi l-partijiet izzewgu fil-21 ta' Mejju 2000 u dan skond ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg.

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx ulied.

Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat min-Nutar Dr. Liza Schembri fl-14 ta' Novembru 2013.

Illi skond l-artikolu 2 tal-kuntratt ta' separazzjoni personali fuq citat, il-partijiet irrinunzjaw ghad-dritt li jitolbu manteniment minghand xulxin.

Illi l-partijiet ilhom ma jirrisjedu fl-imkien ghal aktar minn erba' snin.

Illi ma hemmx prospett ragjonevoli illi l-partijiet jirrikonciljaw.

Ghaldaqstant talab illi l-Qorti

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-11 ta' Lulju 2018 minn fejn jirrizulta illi l-konvenuta deheret f'dik is-seduta, tat ruhha b'notifikata bir-rikors promotur u bl-avviz tas-smiegh u ddikjarat illi m'ghandiex objezzjoni ghat-talbiet attrici.

Rat illi fl-istess udjenza l-Qorti ddikjarat l-istadju tal-provi maghluq u halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza.

Rat illi b'rikors tal-24 ta' Lulju 2018 l-attur talab illi l-Qorti tqassar it-terminu ghall-prezentata tal-appell ghar-ragunijiet hemm spjegati inkluz li l-kawza giet trattata bl-urgenza.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 u l-Artikou 243 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-14 ta' Novembru 2013 u li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment.

**Decide:**

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti:

1. Tilqa' t-talbiet attrici, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien jumejn utili millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

2. Tilqa' r-rikors tal-attur tal-24 ta' Lulju 2018 u tqassar it-terminu tal-appell ghal jum wiehed (1) mil-lum.

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Onor. Imhallef Dr.Robert G.Mangion